



**Pożizzjoni Vakanti: Kap tal-Unità tat-Teknoloġiji tal-
Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni
Unità: Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni
Referenza: ECDC/AD/2017/ICT-HOU**

Qed jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' Aġent Temporanju ta' hawn fuq fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

Deskrizzjoni tal-impjieg

Id-Detentur tal-impjieg ser jirrapporta lid-Direttur u jkun membru tat-Tim tal-Maniġment Superjuri tal-ECDC.

Hu/Hi jkollu l-kompiti ewlenin u l-oqsma ta' responsabbiltajiet li ġejjin:

- Jappoġġa l-Missjoni u l-Viżjoni taċ-Ċentru billi jipprovdi tmexxija u direzzjoni lit-tim tal-ICT, u jiżviluppa fokus fuq il-ħolqien ta' outputs tan-negozju ċari u ta' valur miżjud filwaqt li jiżgura konformità mal-qafas regolatorju;
- Jiżviluppa ulterjorment u jimplimenta, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' msieħba kummerċjali rilevanti, politiki, strateġiji u proċeduri tal-ICT, inklużi dawk għall-arkitettura, is-sigurtà, l-irkupru minn diżastri, l-istandards, ix-xiri, u l-provvedimenti ta' servizz;
- Jimmaniġġja l-operazzjonijiet tal-ICT taċ-Ċentru - jirrevedi l-prestazzjoni tal-proċessi/sistemi tal-ICT biex jiddetermina l-ispejjeż operattivi, il-livelli ta' produttività u r-rekwiżiti tal-aġġornament; jirreferi, janalizza, jirrapporta dwar it-titjib tal-infrastruttura tal-ICT u l-proċessi/sistemi tal-ICT u jagħmel rakkomandazzjonijiet għalihom;
- Jikkontribwixxi b'mod proattiv u kostruttiv għad-diskussjonijiet fit-tim ta' ġestjoni u jiżgura immaġni koerenti tat-tim ta' maniġment superjuri fiċ-Ċentru;
- Imexxi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma tal-ECDC fl-Unità billi jstabbilixxi proċessi xierqa u jstabbilixxi prijoritajiet għall-implimentazzjoni fost il-Kapijiet tat-Taqsima u billi jiżgura implimentazzjoni xierqa tal-ippjanar finanzjarju u l-proċessi ta' monitoraġġ fi ħdan l-Unità;
- Jiżviluppa u jrawwem relazzjonijiet strateġiċi b'saħħithom b'mod partikolari mal-istituzzjonijiet tal-UE u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra;
- Jiżgura li huma stabbiliti proċessi għall-immaniġġjar u l-koordinazzjoni tar-riżorsi umani tal-Unità sabiex in-nies ikunu mmotivati sew, jaġixxu b'mod professjonali u jwasslu prestazzjoni konsistentement għolja fi prinċipji etiċi sodi;

- Jikkontribwixxi għal attivitajiet oħrajn tal-ECDC, skont kif meħtieġ, fil-qasam tal-kompetenza tiegħu/tagħha.

Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun kandidat eliġibbli trid tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma attestati b'diploma fejn il-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' erba' snin jew iktar, jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għall-istudji universitarji mitmuma attestati b'diploma u esperjenza professjonali adegwata ta' mill-inqas sena meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' mill-inqas tliet snin¹;
- Mill-inqas 15-il sena ta' esperjenza professjonali (wara l-għoti tad-diploma)²
- Għarfien profund ta' waħda mil-lingwi tal-Komunitajiet u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra tal-Komunitajiet sal-limitu meħtieġ għat-twertiq tad-dmirijiet tiegħu/tagħha³;
- Nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Il-kandidat għandu jkun intitolat għad-drittijiet kollha tiegħu bħala ċittadin⁴;
- Il-kandidat għandu jkun issodisfa l-obbligi kollha imposti mil-ligijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Jissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Ikun fiżikament f'saħħtu biex iwettaq id-dmirijiet relatati ma' din il-kariga.

B. Kriterji tal-għażla

Biex kandidat jikkwalifika għal din il-kariga identifikajna *kriterji essenzjali* fir-rigward tal-*esperjenza professjonali* u l-*karatteristiċi personali/ħiliet interpersonal*. Dawn huma:

Esperjenza/għarfien professjonali:

- mill-inqas 7 snin ta' esperjenza professjonali miksuba f'pożizzjonijiet rilevanti għad-deskrizzjoni tax-xogħol u rekord ippruvat ta' tmexxija b'suċċess ta' organizzazzjonijiet kumplessi tal-ICT, preferibbilment fis-settur pubbliku;
- Esperjenza ppruvata fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki u strateġiji fil-livell korporattiv inklużi oqfsa ta' arkitettura ta' impriżi;
- Esperjenza maniġerjali ta' timijiet ewlenin, inklużi kwistjonijiet tal-persunal u tal-baġit;

¹ Ser jiġu kkunsidrati biss iċ-ċertifikati u d-diplomi li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġin mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija

² Is-servizz militari obligatorju dejjem jiġi kkunsidrat.

³ Barra minn hekk, sabiex ikunu eliġibbli għal promozzjoni permezz ta' eżerċizzju ta' promozzjoni annwali, il-membri tal-persunal għandu jkollhom għarfien operattiv ta' tielet lingwa tal-UE, kif deskritt fir-Regolamenti tal-Persunal u r-Regoli ta' Implimentazzjoni applikabbli.

⁴ Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul ser jintalab jipprovdi ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juri li ma għandux kondotta kriminali.

- Għarfien u esperjenza fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-immaniġġjar ta' struttura ta' Governanza tal-ICT (inkluż qafas ta' ġestjoni tar-riskju u tal-kwalità);
- Għarfien u esperjenza fl-istandards relatati mal-industrija tal-ICT (metodoloġiji tal-immaniġġjar tal-proġett, metodoloġiji tal-iżvilupp tas-software, metodoloġiji tal-immaniġġjar tas-servizz);
- Għarfien eċċellenti tal-Ingliż, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali

- Sens qawwi ta' inizzjattiva u responsabbiltà;
- Ħiliet organizzattivi u ta' koordinazzjoni tajbin inkluż l-immaniġġjar ta' prioritajiet, kif ukoll il-kapaċità li jaħdem taħt pressjoni u jirrispondi għal bidliet f'ambjent tax-xogħol li qed jevolvi b'rata mgħaġġla;
- Kapaċità eċċellenti biex jikkomunika b'mod ċar fil-livelli kollha;
- Ħiliet eċċellenti ta' negozjar, soluzzjonijiet ta' problemi u ta' riżoluzzjoni ta' kunflitti;
- Orjentat lejn ir-riżultati;
- Ħiliet interpersonali b'saħħithom u l-abbiltà li jaħdem tajjeb f'tim;
- Ikun persuna xprunata mill-kwalità u orjentata lejn is-servizz.

Identifikajna wkoll esperjenzi u ħiliet li huma ta' vantaġġ għal din il-kariga. Dawn huma:

- Għarfien u esperjenza fl-akkwist pubbliku;
- Esperjenza ta' ħidma f'ambjent multikulturali.

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jaslu, il-kumitat tal-għażla jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fil-kriterji tal-għażla msemmija qabel.

Ħatra u kundizzjonijiet tal-impjieg

Id-detentur tal-impjieg ser jinħatar abbażi ta' lista qasira proposta mill-Kumitat tal-Għażla lid-Direttur. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat tal-Għażla. Il-kandidati jistgħu jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati għandhom jinnutaw li l-proposta tista' ssir pubblika u li inklużjoni fil-lista qasira ma tiggarrantixxix ir-reklutaġġ. Il-lista qasira ta' kandidati ser tiġi stabbilita wara proċess ta' għażla miftuħa.

Il-kandidat li jintgħażel ser jiġi reklutat bħala Aġent Temporanju, skont l-Artikolu 2f) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, għal perjodu ta' ħames snin li jista' jiġġedded. Il-ħatra ser tkun fil-grad **AD 11**.

L-applikanti għandhom jinnotaw ir-rekwiżit skont ir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal ġdid kollu li għandu jtemm il-perjodu ta' prova b'suċċess.

Għal aktar informazzjoni dwar kundizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

http://ecdc.europa.eu/en/aboutus/jobs/Documents/Staff_Regulations_2014.pdf

Il-post tal-impjieg ser ikun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitajiet tiegħu.

Lista ta' riżerva

Tista' tinħoloq lista ta' riżerva u din tintuża għar-reklutaġġ, fil-każ li jkun hemm pożizzjonijiet vakanti simili. Din ser tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data tal-iskadenza tal-applikazzjoni u tista' tiġi estiża.

Proċedura ta' applikazzjoni

Biex tapplika jekk jogħġbok ibgħat applikazzjoni mimlija lil Recruitment@ecdc.europa.eu fejn fis-suġġett tal-email għandek tindika b'mod ċar ir-referenza tal-pożizzjoni vakanti u kunjomok.

Biex l-applikazzjoni tiegħek tkun valida trid timla t-taqsimiet meħtieġa kollha tal-formola ta' applikazzjoni, li għandha tintbagħat fil-format tal-Word jew PDF u preferibbilment bl-Ingliż⁵. Applikazzjonijiet mhux mimlija għal kollox jitqiesu bħala mhux validi.

Il-formola ta' applikazzjoni tal-ECDC tista' tinstab fuq is-sit web tagħna hawnhekk: <https://ecdc.europa.eu/en/work-us/vacancies>

Id-data tal-għeluq tas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet u aktar informazzjoni rigward l-istatus ta' din il-proċedura tal-għażla, kif ukoll informazzjoni importanti rigward il-proċess tar-reklutaġġ, hija mniżżla fuq is-sit web tagħna u tista' tinstab bl-użu tal-link ta' hawn fuq.

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet mibgħuta, ser jiġu notifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.

⁵ Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fl-24 lingwa uffiċjali kollha tal-UE mill-orijinal tiegħu bl-Ingliż. Peress li l-lingwa tal-operati ta' kuljum fl-Aġenzija hija ġeneralment l-Ingliż, l-ECDC jippreferi li jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.